V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10796 — GOOGLE / PHOTOMATH)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 77/02)

1. Fil-21 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara riferenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Google LLC ("Google", US), ikkontrollata minn Alphabet Inc. (l-Istati Uniti tal-Amerka)

— Photomath, Inc. ("Photomath", l-Istati Uniti tal-Amerka)

Google takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Photomath kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Google hija attiva f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' prodotti, inklużi t-teknoloġija tar-reklamar, it-tiftix fuq l-internet, il-cloud computing, is-software u l-hardware. Fost prodotti u servizzi oħra, Google tipprovdi diversi prodotti edukattivi, inklużi apps, programmi u għodod ta' litteriżmu diġitali, f'firxa ta' suġġetti, inklużi ċerti suġġetti tal-matematika.

— Photomath jipprovdi verżjonijiet bla ħlas u primium ta' app ta' homework li tuża kamera tal-ismartphone biex tiskennja u tirrikonoxxi problemi simboliċi fil-matematika (algebra, calculus, graffs eċċ), u tipprovdi lill-utenti b'soluzzjonijiet pass pass ibbażati fuq il-kapaċitajiet proprjetarji tagħha stess.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10796 — GOOGLE / PHOTOMATH

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË